**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Ottubru, 2019

Rikors Numru: 217/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonferma bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-ewwel ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (01/05/1992) fil-Kappella ta' Santa Marija tal-Ħniena fis-Selmun, limiti tal-Mellieħa (anness bħala Dok SZ1);
2. Illi minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal madwar għaxar snin permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Peter Fleri-Soleri datat erbatax ta' Diċembru tas-sena elfejn u disgħa (14/12/2009) u li ġie sussegwentament emendat quddiem l-istess nutar fit-tmienja u għoxrun ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (28/02/2012) (annessi bħala Dok SZ2);
4. Illi permezz tal-atti sopraċitati l-partijiet kienu qablu bejniethom li jirrinunzjaw għall-manteniment fil-konfront ta' xulxin.
5. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal dan il-għan mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju, 2019;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-14 ta' Dicembru, 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;